# Birżebbuġa fi Żmien Klassiku: Il-Villa Rumana f'Ta' Kaċċatura skont ir-Rapport ta' Thomas Ashby fl-1915

minn Matthew Balzan B.A.- Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa

Fil-mixja ta' Birżebbuġa matul is-snin, perjodu importanti huwa dak Klassiku, jiġifieri ż-Żmien Puniku u Ruman. Dan il-perjodu tal-Istorja ta' Malta seħħ bejn is-sena 700 u s-sena 535 W.K, jiġifieri medda ta' 'l fuq minn 1,200 sena. Nistgħu ngħidu li l-inħawi ta' Birżebbuġa kienu protagonisti f'dan il-perjodu, speċjalment minħabba l-lok tagħhom fil-Port tax-Xlokk li nafu li kellu attivita` qawwija fiż-Żmien Klassiku, kif jixhdu l-fdalijiet misjuba fit-Tempju ta' Tas-Silġ u d-diversi fosos u *cart ruts* li hemm fil-Bajja ta' San Ġorġ. Dawn tal-aħħar setgħu kienu jew minn Żmien il-Bronż jew miż-Żmien Klassiku. Evidenzi oħrajn miż-Żmien Klassiku huma d-diversi oqbra misjuba fl-inħawi li jagħtu indikazzjoni qawwija li l-inħawi kienu popolati. Eżempju ta' dan huwa l-qabar Puniku misjub f'Bengħisa fl-1761 u li jmur lura għas-seklu 4 Q.K. Pero` żgur li l-aqwa prova tal-abitazzjoni tal-inħawi hija l-Villa Rumana li nstabet fuq naħa waħda ta' Wied Dalam, fil-post magħruf bħala Ta' Kaċċatura. Din il-Villa kienet ġiet skavata minn Thomas Ashby fl-1915, u fl-istess sena, dan l-arkeoloġista kien kiteb artiklu bl-isem ta' 'Roman Malta' li ġie ppublikat f''The Journal of Roman Studies' u li fih iddeskriva fit-tul l-iskavi tiegħu f'Ta' Kaċċatura. Dan l-artiklu se janalizza l-kitba ta' Ashby sabiex nifhmu aħjar il-wirt Klassiku f'Birżebbuġa.

Qabelxejn, tajjeb li nagħti ftit tagħrif ġenerali fuq din il-villa. It-terminu 'villa' jfisser li din kienet dar tal-kampanja, simili għal diversi vilel oħra bħal tad-Dawl f'Ħal Kirkop u oħra fiż-Żejtun, u li huma xhieda tal-popolazzjoni tan-Nofsinhar ta' Malta fil-perjodu Ruman. Għalhekk din hija binja differenti mid-Domus Romana fir-Rabat, li kienet dar urbana. Normalment, il-vilel Rumani tal-kampanja huma assoċjati ma' attivita` agrikola, speċjalment it-tagħsir taż-żebbuġ bħalma hi din il-villa. Skont Ashby nnifsu, il-villa aktarx li nstabet matul is-seklu 18, jiġifieri fi Żmien il-Kavallieri, tant illi fil-post kienet instabet munita tal-Gran Mastru Pinto (1741-1773). Aktarx li fl-1881 kienu saru xi studji oħra fuq din il-villa minn Dr. F. Vassallo waqt li Ashby jsemmi li Salvatore Cachia Zammit ukoll kien għamel xi skavar. Aktar riċenti, l-arkeoloġista Anthony Bonanno jgħid li din il-Villa tmur lura għat-Tieni Seklu Q.K. (fi żmien ir-Repubblika Rumana) għalkemm hemm evidenza li saħansitra tista' tmur lura saż-Żmien Puniku. Il-villa hija mqassma madwar bitħa li kienet imdawra b'diversi kolonni tal-Qawwi fuq stil Doriku, filwaqt li l-bqija tal-bini huwa magħmul mill-ġebla tal-Franka.




*Pjanta tal-villa minn Thomas Ashby fl-1915*

Thomas Ashby (1874 - 1931) twieled l-Ingilterra u kien wieħed mill-iktar arkeoloġisti famużi Ingliżi. Huwa ġie Malta kemm-il darba bejn l-1905 u l-1921, u ħa sehem fl-iskavar tat-tempji ta' Ħaġar Qim, l-Imnajdra u Ħal Tarxien fost oħrajn. Huwa skava din il-villa fl-1915 u kien mgħejun minn Sir Temi Zammit. L-iskavar kien sewa mhux ħażin u l-flus meħtieġa tħallsu minn diversi Ingliżi, fosthom l-ambaxxatur Ingliż f'Ruma. Ashby jgħid illi sfortunatament, meta kien qed jiskava, induna li ħafna ġebel minn din il-villa kien ittieħed maż-żmien biex jiġi wżat xi mkien ieħor, u allura l-villa kienet tilfet ħafna mill-forma oriġinali tagħha. Skont Ashby, il-villa rat il-bidu tagħha qabel iż-Żmien Ruman, hekk kif ra fdalijiet sinonimi ma' binjiet Puniċi f'Kartaġni. Fil-viċin tal-Villa, Ashby jsemmi li Temi Żammit skopra qabar li aktarx kien jintuża għad-dfin ta' fdalijiet umani kremati, kif kienet l-użanza fil-perjodu Puniku u dak Ruman. Il-villa tħares lejn il-Grigal, u bil-pożizzjoni tagħha tikkmanda Wied Dalam, filwaqt illi d-daħla prinċipali tħares lejn ix-Xlokk, propju lejn il-Bajja ta' San Ġorġ. Ashby jiddeskrivi li l-villa kienet tikkonsisti f'diversi kmamar madwar bitħa żgħira ċentrali u kuritur. L-art tal-kmamar kienet jew maqtugħa fil-blat inkella magħmula minn torba, filwaqt illi xi ħitan kienu mejna b'tipi differenti ta' żebgħa. Interessanti ħafna li Ashby jgħid li sab taraġ li juri li din il-villa kellha t-tieni sular. Taħt il-bitħa



Ritratt tal-iskavi fil-villa fl-1915.

ċentrali nstabet ġiebja żgħira ta' madwar 12-il pied kwadru u 6 piedi għoli li kienet timtela minn bir iżgħar mal-ġenb, u li skont Ashby kien eqdem mill-villa nfisha, u allura jikkonferma l-qedem tal-użu ta' dan il-lok. Fil-villa nstabu diversi fdalijiet li jiddiskrivu l-ħajja ta' kuljum ta' dak iż-żmien, fosthom l-ikel ikkunsmat. Fost l-oħrajn, instabu għadam tal-ħnieżer u tal-mogħoż kif ukoll diversi tipi ta' fuħħar li kienu jinkludu amfora sħiħa, platt tal-ikel u reċipjenti oħra. Instabu wkoll 23 oġġett tal-fuħħar f'forma ta' piramida, illi mhux magħruf għal xiex kienu jintużaw, fuħħar dekorat bi tpinġijiet ta' persuni u anke xi għodda tal-ħadid. F'xi kmamar, saħansitra, instab fdal ta' ħġieġ li skont Ashby kien użat għat-twieqi. Barra minn hekk, Ashby sab diversi muniti fosthom tlieta Puniċi li huma xhieda tal-qedem tal-bini. Kif semmejt iktar 'il fuq, din il-villa kellha konnessjoni mal-agrikoltura. Fil-fatt Ashby sab diversi fdalijiet li jalludu għal dan. Instabu xi ġebel imħaffra li normalment huma assoċjati mat-tħin tal-qamħ (*throughs)*, filwaqt li nstabet ġebla maħduma li hi sinonima ma' apparat użat biex jiġi pressat iż-żebbuġ sabiex minnu jsir iż-żejt. Kif jixhed l-isem ta' Birżebbuġa, l-inħawi minn dejjem kienu sinonimi mat-tkabbir taż-żebbuġ. Is-sejba ta' ħafna biċċiet ta' amfori f'din il-villa tagħti probabbilta` li dan iż-żejt ma kienx għall-konsum tal-abitanti tal-villa biss, imma kien anke jiġi nnegozjat. Fil-fatt, iż-żejt taż-żebbuġ kien wieħed mill-iktar affarijiet innegozjati matul il-perjodu Ruman.



Parti mill-villa f'Ta Kaccatura.



Parti oħra mill-villa f'Ta Kaccatura.

Iżda żgur li l-aktar ħaġa sinonima ma' din il-villa hija l-ġiebja kbira li nstabet fuq in-naħa ta' wara. Interessanti li din il-ġiebja tinsab fuq livell ogħla mill-bqija tal-bini. Ashby jgħid li din il-ġiebja kienet diġà dokumentata minn Albert Mayr fl-ewwel snin tas-seklu 20 u li x'aktarx kienet serviet bħala barriera biex inqata' l-ġebel użat għall-bini tal-villa. Din il-ġiebja, li tinżel fiha permezz ta' taraġ maqtugħ fil-blat, għandha daqs ta' madwar 33 pied kwadru u fond ta' madwar 13-il pied. Parti minn din il-ġiebja għandha fond ta' 3 piedi oħra, u skont Ashby dan sar sabiex anke fi żmien ta' mingħajr xita jkun hemm provvista ta' ilma. Is-saqaf ta' din il-ġiebja jistrieħ fuq 12-il kolonna kbira tal-franka, li kull waħda minnhom hi magħmula minn żewġ jew tliet ġebliet kbar. Ashby sab illi biex il-ġiebja ma titlifx ilma, din kienet inksiet bis-siment. Meta din il-ġiebja kienet tfur, l-ilma żejjed kien jgħaddi minn diversi kanali mħaffra fil-blat u pajpijiet tat-terrakotta biex jasal fil-villa permezz tal-gravità. Interessanti ħafna li Ashby jsemmi li fl-inħawi tal-Brolli viċin Ħas-Saptan, fit-triq li tagħti għal Ħal Għaxaq, kien hemm ġiebja oħra simili.



Il-ħajt li nbena biex jipproteġi l-ġiebja l-kbira.

Dan kollu huwa biss tagħrif żgħir mislut minn rapport ta' 16-il paġna li kiteb Thomas Ashby u li jinkludi ħafna iktar dettalji kif ukoll diversi ritratti u pjanti tal-villa. Hija ħasra li din il-Villa Rumana, li hi waħda mill-eqdem tat-tip tagħha f'Malta, tinsab abbandunata u mitluqa. Barra li sofriet diversi ħsarat minn elementi naturali, il-veġetazzjoni li tikber fis-sit tkompli żżid ma' din il-ħsara. Għalkemm fil-passat kien sar ħajt madwar il-ġiebja l-kbira biex jipproteġiha, dan illum jinsab fi stat ħażin ħafna. Nittamaw li fil-futur, din il-villa tingħata l-attenzjoni li tixirqilha mill-awtoritajiet ikkonċernati sabiex biex ma tintilifx, u tibqa' xhieda dejjiema tal-passat Puniku u Ruman f'Birżebbuġa.



Il-qabar Klassiku ftit il' bogħod mill-villa.